# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 7 ta' Novembru, 2022**

**Nru fuq il-Lista: 1**

**Rik. Nru. 472/2022 ISB**

**REPUBBLIKA (VO 1670)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**DIGRIET GHAR-RIKORS MRESSAQ MILL-AVUKAT TAL-ISTAT NHAR IL-21 TA' OTTUBRU 2022, FEJN WARA S-SENTENZA IN PARTE TAD-19 TA' OTTUBRU 2022, INTALAB (1) PERMESS BIEX L-AVUKAT TAL-ISTAT JKUN JISTA' JRESSAQ APPELL MINN DIK IS-SENTENZA U (2) ILLI JKUNU SOSPIZI L-EFFETTI TAS-SENTENZA IN PARTE MSEMMIJA**

**Il-Qorti:-**

Rat **ir-Rikors** tal-Avukat tal-Istat tal-21 ta' Ottubru 2022;

Rat id-digriet illi bih ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2022;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-rikors odjern, l-Avukat tal-Istat qed jaghmel zewg talbiet.

Fl-ewwel lok qieghed jitlob il-permess, ai termini tal-Artikolu 231(1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ikun jista' jressaq Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mis-sentenza *in parte* moghtija minn din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru 2022.

Fit-tieni lok qieghed jitlob illi l-effetti tas-sentenza illi minnha qed jintalab il-permess illi jitressaq Appell jkunu sospizi.

## L-Ewwel Talba

Il-Qorti rat ir-ragunijiet li ghalihom irid iressaq l-Appell tieghu l-Avukat tal-Istat, kif elenkati fir-rikors tieghu u semghet lill-abbli difensuri tal-Avukat tal-Istat jittrattaw dwar din it-talba fl-udjenza mizmuma.

Rat l-oppozizzjoni ghal din it-talba da parti tal-ghaqda rikorrenti REPUBBLIKA kif maghmula mill-abbli difensur taghha waqt l-imsemmija udjenza, anke jekk, fil-kors tat-trattazzjoni tad-difensur tal-istess rikorrenti inghad hekk minnhu "*Alright, jekk jkun hemm, ifhimni ftit Sur Imhallef, jien sincerament ma nsibux oggezzjoni li jkun hemm Appell*".

Rat illi hemm qbil bejn il-partijiet illi s-sentenza moghtija hija ta' certu import, tant illi l-Avukat tal-Istat jiddiskreviha bhala "*sensittiva u partikolari*". Jghid ukoll illi "*l-provvediment ta' nhar l-Erbgha li ghadda jiddipartixxi mit-taghlim tradizzjonali tal-Qrati taghna".* Jiddeskrivi s-sentenza parzjali illi qed ifittex li jappella minnha bhala "*landmark judgement u allura nemmnu li l-provvediment ta' din il-portata jehtieg, tajjeb jew hazin, jinghata t-timbru tal-Qorti Kostituzzjonali f' gieh ic-certezza legali u anke f' gieh il-finalita*".

Il-Qorti, tikkondividi dak li qal l-abbli difensur tal-Avukat tal-Istat, fis-sens illi:

> "*huwa fl-interess ta' kullhadd li fuq kwistjoni bhal din, fuq provvediment bhal dan ninghataw ic-certezza legali, il-finalita` u s-serhan il-mohh li tista` taghtihilna biss decizjoni mill-Qorti Kostituzzjonali, f'dan l-istadju llum qabel ghada*".

Tifhem ghalhekk illi bejn il-partijiet jidher illi hemm qbil illi s-sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti tghaddi mill-gharbiel u skrutinju tal-Qorti Kostituzzjonali.

Il-Qorti, anke lil hinn minn qbil, thoss u tqis illi jkun giust, ekwu u fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, illi dwar sentenza importanti bhal ma nghatat, gja la darba parti jew ohra wriet ix-xewqa li tressaq Appell minnha, allura jintlaqa' l-permess sabiex isir tali Appell.

Il-Qorti thoss illi jkun jixraq illi materja tant sensittiva (u difficli) bhal dik deciza minn din il-Qorti tigi ukoll skrutinata mill-Qorti Kostituzzjonali, f'dan l-istadju qabel il-prosegwiment ta' dawn il-proceduri, ghaliex filwaqt illi din il-Qorti tibqa' dejjem konvinta minn dak minnha deciz, b'dana kollu jkun tajjeb illi jkun hemm il-konferma o meno ta' tali decizjoni minn Qorti superjuri.

**GHALDASTANT**, din il-Qorti, wara l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, sejra tilqa' l-ewwel talba tal-Avukat tal-Istat u taghti permess u tawtorizza lill-istess sabiex iressaq l-Appell tieghu mis-sentenza *in parte* moghtija minn din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru 2022 entro z-zmien koncess sabiex jitressaq Appell skond il-ligi li jibda' jiddekorri mill-llum.

**It-TIENI TALBA**

Fir-rigward tat-tieni talba mressqa, ossia, dik sabiex l-effetti tas-sentenza in parte moghtija fid-19 ta' Ottubru 2022 jigu sospizi pendenti l-Appell hawn fuq msemmi, din il-Qorti ghandha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'taghmel.

Il-Qorti trid tibda biex tosserva illi din it-talba u din id-diskussjoni ma jmessa' qatt qamet quddiem din il-Qorti – u l-fatt illi s-sospensjoni tal-mizura interim qed tigi diskussa hija rizultat <u>biss</u> tal-fatt illi l-mizura interim ma nghatatx effett immedjat da parti tar-Registratur tal-Qorti. Ir-Registratur tal-Qorti kien mgharraf immedjatament bid-decizjoni u l-ordni moghtija minn din il-Qorti, u sa jumejn wara, meta gie ntavolat r-rikors hawnekk deciz, u jidher illi anke sal-llum, huwa ghadu ma tax effett lid-decizjoni.

Din il-Qorti tqis illi dan huwa nuqqas serju da parti tar-Registratur tal-Qrati u l-Qorti tixtieq tesprimi d-dizappunt taghha ghal dan l-akkadut. Huwa mir-Registratur tal-Qrati illi l-anqas huwa mistenni illi ordni ta' Qorti, aktar u aktar ordni ta' mizura interim, ma tigix ezegwita b'mod immedjat.

Minn natura taghha, mizura interim ghandha tiehu effett <u>immedjat</u> – altrimenti titlef l-iskop kollu taghha. X'jigri jekk mizura interim ta' din il-Qorti tinghata fi kwistjoni ta' hajja jew mewt u ma tigix ezegwita b'mod immedjat?

Huwa proprju ghaliex mizura interim ghandha tinghata effett immedjat illi l-Avukat tal-Istat talab is-sospensjoni tal-effetti taghha. U huwa proprju minhabba l-inazzjoni tar-Registratur tal-Qrati illi tali talba trid tigi diskussa u determinata f'dan l-istadju u minn din l-istess Qorti.

Issa l-Qorti tqis illi fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2022, meta gie trattat dan ir-rikors, l-Avukat tar-rikorrenti esprima t-thassib tieghu ghall-fatt illi sakemm jinghata dan id-digriet, kellha tinzamm seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri ta' sfida. Bi *buon sens*, (u irid jinghad illi l-Qorti apprezzat ferm il-gest u l-atteggjament tal-Avukati li rrapprezentaw lill-Avukat tal-Istat), proprju fuq suggeriment taghhom, il-partijiet qabblu :

> "*illi in vista tal-fatt illi hemm seduta tal-Procedura ta' Sfida mertu ta' din il-kawza skedata fis-27 ta' Ottubru 2022 fid-9:00am, huma ser jitolbu konguntivament li s-seduta tigi differita sakemm jigi determinat ir-rikors trattat illum*".

Il-Qorti apprezzat dan il-ftehim hekk milhuq bejn id-difensuri tal-partijiet u kkomunikat l-istess verbal lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) "*sabiex dan il-verbal jigi inserit fl-atti tal-Procedura ta' Sfida*", filwaqt illi ssollecitat lill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) "*sabiex tilqa' t-talba li se issir bejn il-partijiet*".

Din il-Qorti, b'nota tal-ghada 26 ta' Ottubru 2022 tal-Assistant Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, giet mgharrfa illi nhar il-25 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet tat digriet fejn wara illi hadet konjizzjoni tal-komunika lilha maghmula, irrelevat u gabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti :

> "*li sa mill-15 ta' Settembru 2022 (hekk kif idekretat din il-Qorti stess wara li giet infurmata bil-proceduri kostituzzjonali mill-isfidant) il-procedura ta' sfida thalliet differita ghall-informazzjoni ulterjuri in vista tal-istess proceduri*

> *Kostituzzjonali pendenti bin-numru 472/2022 u din l-isfida ghadha hekk differita sal-llum*".

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) zidiet fid-digriet taghha illi riedet iggib a konjizzjoni ta' din il-Qorti illi :

> "*l-fatt li l-procedura ta' sfida gja giet differita aktar kmieni llum, u dan minkejja li ma saret ebda talba minn xi parti (inkluz il-Kummissarju tal-Pulizija), la llum u lanqas qabel illum, u dan ghar-raguni li l-istess proceduri Kostituzzjonali ghadhom mhux konkluzi jew finalment determinati*".

Il-Qorti tqis pozittiv hafna l-posizzjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fic-cirkostanzi u kif espress minnha stess fid-digriet taghha tal-25 ta' Ottubru 2022.

Il-Qorti pero` tinsab kemmxejn perplessa dwar kif u ghaliex, la meta kienet qed tigi trattata l-mizura interim u lanqas meta kienet qed tigi trattata din il-materja tas-sospensjoni tal-effetti tal-mizura interim, hadd mill-partijiet ma ghamel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Mhux biss, talli l-istess partijiet wasslu fil-konkordju illi gie hawn fuq spjegat biex jitolbu differiment b'mod kongunt, appuntu sabiex ma jitkompliex is-smigh tal-proceduri ta' sfida. Ftit wiehed jifhem ghalfejn kien kemm bzonn dan kollu meta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet gja ddegretat, sa' mill-15 ta' Settembru 2022, bil-mod minnha espress.

Il-Qorti ghalhekk regghet fliet bir-reqqa il-'*vera kopja intiera*' tal-process ta' sfida kif lilha pprezentat mill-Avukat tal-Istat permezz tan-nota tas-7 ta' Ottubru 2022, u tinnota illi fid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Settembru 2022, ma jirrizultax tali digriet.

Din il-Qorti rat ukoll id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Settembru 2022 minn fejn jirrizulta illi filwaqt illi dik il-Qorti hadet konjizzjoni tal-kawza Kostituzzjonali, ddikjarat "*Illi dan id-digriet qed isir*

*sabiex kwalunkwe dikjarazzjonijiet li saru fin-nota tal-15 ta' Settembru 2022 dwar hwejjeg li graw fl-udjenza ikunu kjarifikati fis-shih*", u l-Qorti halliet il-kawza ghas-27 ta' Ottubru 2022 ghall-informazzjoni ulterjuri.

Huwa ghalhekk car ghal din il-Qorti illi filwaqt illi fil-15 ta' Settembru 2022 ma nghata ebda digriet kif msemmi, fit-22 ta' Settembru 2022 nghata digriet illi seta' kien intenzjonat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi jfisser dan - illi pero` ma nftiehmx hekk l-anqas mill-partijiet, tant illi l-istess partijiet lehqu l-ftehim kif ivverbalizzat quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru 2022, peress illi kienu ghadhom qeghdin jifmhu illi l-kawza ta' sfida kienet ser tkompli tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti tqis illi una volta hemm id-dikjarazzjoni **ISSA** cara illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet fis-sens "*il-procedura ta' sfida thalliet differita ghall-informazzjoni ulterjuri in vista tal-istess proceduri Kostituzzjonali pendenti"* – dan joffri solljev fil-kuntest ta' dak deciz minn din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru 2022.

Izda l-Qorti zzid tghid illi **dan mhux bizzejjed**, ghaliex fost il-konsiderazzjonijiet illi ghamlet din il-Qorti fis-sentenza *in parte* taghha biex wasslet ghall-ordni interim, kien hemm ukoll dik illi l-kawza ta' sfida ma tieqafx u titkompla. Ifisser, ghal din il-Qorti, illi bl-istat attwali tal-affarijiet illum, il-kawza ta' sfida ser tistenna l-ezitu ta' dawn il-proceduri, u jekk ikun hemm is-sospensjoni tal-effetti tal-mizura interim, il-proceduri ta' sfida jibqghu wieqfa. Din il-Qorti gja qalet illi dak ma hux fl-interess holistiku tal-gustizzja, li jimmerita ghalhekk illi l-effetti tal-mizura interim jigu osservati anke fid-dawl tal-fatt illi ebda procedura giudizzjarja ma tigi b'hekk mwaqqfa fil-kors taghha.

Huwa ghalhekk illi t-talba ghas-sospensjoni tal-effetti tal-mizura interim kif mressqa mill-Avukat tal-Istat mhux ser tintlaqa'. Il-Qorti tqis ukoll finalment, illi ghall-Avukat tal-Istat u anke ghall-Kummissarju tal-Pulizija, ma ghandiex taghmel differenza jekk il-kaz ta' sfida jkompli jitmexxa, jinstema' u jigi deciz mill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) kif

diversament preseduta, u certament ghalhekk illi jkun fl-ahjar interess tal- amministrazzjoni tal-gustizzja illi jinghata effett immedjat lid-decizjoni ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ottubru 2022 sabiex anke l-proceduri ta' sfida jkunu jistghu jibqghu mexjin minghajr xkiel fl-ahjar interess tal-gustizzja pendenti dawn l-odjerni proceduri.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rat ir-rikors tal-Avukat tal-Istat tal-21 ta' Ottubru 2022, u wara illi ghamlet il-konsiderazzjonijiet kif hawn fuq espressi, qed tghaddi biex tiddegreta l-istess rikors billi:

a) **Tilqa'** l-ewwel parti tat-talba maghmula, cioe`, illi l-Avukat tal-Istat qieghed jinghata l-permess illi jappella mis-sentenza *in parte* ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ottubru 2022, entro z-zmien preskritt mill-ligi li jibda' jiddekorri mill-llum, u

b) **Tichad** it-tieni parti tat-talba maghmula, fis-sens illi mhix qeghda tissosspendi l-effetti tal-mizura interim illi nghatat bis-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2022, u tordna ghal darb'ohra illi dan id-digriet jigi kkomunikat lir-Registratur tal-Qrati ghall-ahjar attenzjoni u <u>azzjoni</u> immedjata tieghu.

L-ispejjez relattivi ghal din l-istanza jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Ian Spiteri Bailey**
Imħallef

**Marisa Bugeja**
Deputat Reġistratur